



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2014
COM(2014) 47 final

2014/0023 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha / il-kuntest ġenerali**

Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Kanada ġie nnegożjat abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2007 li tawtorizza l-ftuħ tan-negożjati. Il-Ftehim ġie ffirmat nhar is-17 ta' Diċembru 2009.

Ir-Repubblika tal-Kroazja ingħaqdet mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013. Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-Kundizzjonijiet tal-Adeżjoni, il-Kroazja ntrabtet li taderixxi mal-ftehimiet konklużi jew iffirmati mill-Istati Membri u l-Unjoni ma' wieħed jew aktar pajjiżi terzi jew organizzazzjoni internazzjonali.

Ġie nnegożjat protokoll, li fih l-adattamenti lingwistiċi meħtieġa tal-Ftehim li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja.

Skont l-Artikolu 6(2) imsemmi hawn fuq kif ukoll l-Artikoli 100(2) u 218(5) tat-TFUE, l-iffirmar tal-Protokoll ġie approvat bid-Deċiżjoni ta' [...], u l-Protokoll ġie ffirmat fil-[....]

Il-Protokoll issa għandu jiġi approvat, abbażi tal-Artikoli 100(2) u 218(6) (a) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam kopert mill-proposta**

Id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll jieħdu post jew jikkumplementaw id-dispożizzjonijiet fil-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Kanada.

- **Il-konsistenza ma' politiki u oġġettivi oħra tal-Unjoni**

Il-Ftehim mal-Kanada kien it-tieni ftehim komprensiv dwar trasport bl-ajru ffirmat ma' sieħeb tal-avjazzjoni ewlieni tal-Unjoni. Jifforma parti mill-qafas ta' politika esterna tal-avjazzjoni tal-Unjoni stabbilit bil-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2005)79: "Developing the aġenda for the Community's external aviation policy" (Niżviluppaw l-aġenda għall-politika esterna tal-avjazzjoni tal-Komunità) u reċentement rivedut bil-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2012)556: "The EU's External Aviation Policy - Addressing Future Challenges" (Il-Politika Esterna tal-Avjazzjoni tal-UE - Nindirizzaw l-Isfidi Futuri) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill korrispondenti.

2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi prinċipali mmirati u l-profil ġenerali ta' dawk li wiegħbu

Mhux applikabbli

Sommarju tat-tweġibiet u kif ġew ikkunsidrati

Mhux applikabbli

3) L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-miżuri proposti**

Il-Protokoll jiżgura l-emenda neċessarja li għandha ssir fil-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Kanada wara l-adeżjoni tal-Kroazja fl-UE fl-1 ta' Lulju 2013.

- **Bażi legali**

L-Artikoli 100(2) u 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni.

4) IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.

5) INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

Il-Kunsill huwa mitlub japprova l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Kanada.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 100 (2) u 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/.../UE², il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport bl-ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll") ġie ffirmat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (2) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea x huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.³

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, li jiddepożitaw l-att ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 3 tal-Protokoll.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU L [...], [...], p. [...].

³ It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ĠU L flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*